*Il-Għaqda (u meta ngħidu l-"Għaqda" rridu nfissru l-membri meħudin kollha kemm huma bħala korp kostitwit ta' xirka letterarja) ma għandha ebda interess li tnaqqas il-mertu letterarju ta' ħadd u lanqas li tfixkel għal xi passjonijiet ta' egojiżmu jew għira l-inizjattiva ta' ebda xirka, iżda bħala l-ixjeħ tixtieq tkun ta' eżempju għal dik li hi ħidma għalenija u sinċiera lejn kull moviment jew xirka li b'xi mod jew ieħor qed titħabat magħha biex tmexxi 'l-Malti 'l quddiem u tħarsu minn kull tehdida li tista' teqred il-frott tal-ħidma letterarja tagħha li s'issa rnexxielha tgħix għal fuq minn kwart ta' seklu.*

---

## IL-Kav. Dr. Ġ. GALEA M.D., D.P.H., MAĦTUR MEMBRU TA' L-ORDNI TA' L-IMPERU INGLIŻ

Fil-waqt li qed naqraw l-aħħar provi ta' "IL-MALTI" fl-aħbarijiet ta' l-Ewwel tas-Sena qrajna b'ferħ kbir illi l-Kav. Dr. Ġużè Galea, President tal-Għaqda u Direttur ta' "IL-MALTI", ġie mżejjen mill-Maestà Tiegħu r-Re bit-titlu ta' M.B.E., li tingħata għal xi merti fil-ħidma għall-Imperu Ingliż.

Aħna nifirħulu f'isem il-Membri tal-Għaqda u ta' l-Imseħbin kollha ta' din ir-Rivista, fil-waqt li nixtiqulu kull risq għalli ġej fil-ħidma tiegħu bħala sudditu Ingliż magħruf mill-Kuruna għall-ħidma leali tiegħu bħala President tal-"Għaqda" u Direttur ta' "IL-MALTI", għaliex inħossu li kull ġieħ li jingħata lilu jirrifletti fuq isimna bħala Maltin u bħala Membri tal-"Għaqda".

## "AT HOME" FID-DAR TAL-PRESIDENT

It-Tabib Ġ. Galea, President tal-"Għaqda" u Direttur ta' "IL-MALTI", fl-okkażjoni tad-dekorazzjoni ta' l-M.B.E., li biha r-Re għoġbu jżejnu, stieden lill-Membri tal-"Għaqda" u s-sinjura tagħhom id-dar tiegħu fil-11 ta' Jannar fil-għaxija, fejn għamlilhom trattament bħala sinjal ta' għożża għall-ferħ li dawna wrew għall-ġieh li lilu ngħata mir-Re.

It-trattament, li fih il-Membri flimkien mal-President għaddew waħda mill-iktar sigħat hienja ta' fil-għaxija, għalaq bi brindisi mill-President bis-saħħa tal-"Għaqda" u ieħor mill-Membri tal-'Għaqda' bis-saħħa tal-President u tas-Sinjura tiegħu.



# Pranzu f'ġieh il-President tal-Għaqda fl-"Hotel Phoenicia"

IL-WASLA lura tal-President tal-Għaqda lejn Malta mill-Ingilterra u minn Skozja fejn huwa mas-sena ilu kien mar jagħmel kors prattiku u teoriku fil-Mediċina Legali li tagħha inħatar Lettur fl-Università ta' Malta offriet l-isbaħ opportunità lill-Membri tal-Għaqda biex din turi l-ferħ u qima tagħha lejh għal din in-nomina, u għalhekk nhar il-Ħadd, il-10 ta' Ottubru, ingħata pranzu fl-"Hotel Phoenicia", fejn it-Tabib Ġ. Galea, President tal-Għaqda, flimkien mas-Sinjura tiegħu, ġie mistieden u milqugħ minn bosta membri. Kif kienet qed tithejja din l-istedina, kellna l-aħbar sabiħa wkoll illi l-President tagħna kien laħaq Tabib Anzjan Sanitarju u din żiedet biex f'din il-laqgħa ta' risq il-membri jkollhom l-okkażjoni li jifirħu bih iżjed bil-qalb u għal iżjed minn raġuni waħda.

F'din l-istedina nistgħu ngħidu li kien hemm għadd sabiħ ta' membri, li xi wħud minnhom kienu wkoll imseħbin mas-sinjura tagħhom. Xi wħud bagħtu jgħidu li mħabba xi ċirkustanzi jisgħobbihom ma setgħux jieħdu sehem, fost dawn is-Sur Ugo Muscat Azzopardi u ħuh is-Sur Ġino, il-Fondaturi tal-"Premju Muscat Azzopardi", li ġurnata qabel kellhom isiefru.

Qabel ma nbeda l-pranzu, il-President mas-Sinjura tiegħu flimkien mal-mistednin kollha qagħdu għar-ritratt f'waħda mill-btieħi tal-lukanda. Ir-ritratt tal-grupp deher fit-"Times of Malta" ta' l-14 ta' Ottubru, 1948, flimkien ma' relazzjoni tal-korrispondent ta' dak il-ġurnal. Jisgħobbina illi billi l-*cliché* iddewweb ma stajniex inġibuh f'din ir-rivista. Għal min jixtieq ikollu kopja tar-ritratt tal-grupp u jżommu bħala tifkira jista' jordna wieħed mit-"Times of Malta".

Il-mejda kienet armata fis-sala l-kbira tal-pranzu tal-lukanda u kien fiha deħra li tgħaxxqek, bit-Tabib u s-Sinjura Galea f'nofs il-mejda u fejnhom il-membri prominenti tal-Għaqda, fosthom ukoll xi Presidenti onorarji: il-Prof. Saydon, il-Mons. Psaila u l-Prof. Aquilina, President tal-Għaqda (Università) tal-Malti.